# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* IR-RABA' KTIEB TA' L-1932

## SIĠRA QADIMA

Kien hemm tajfa ta' nies għaqlin u minn tagħna kemm tridhom, għalkemm ftit u xejn ta' rashom, u dawn xtaqu jrawmu ġnien sabiħ; u bdew biex jixtru nkella jiksbu xi xtieli ta' ward minn għand wieħed ġar tagħhom li, ma għandna xi ngħidu xejn, kellu ġnien isaħħar bil-ġmiel tas-siġar u tal-ward: siġar qodma, imgħobbijin ward ta' kull lewn, ta' kull daqs, ta' kull għamla, bi fwieħa li xxoqq il-qalb, u xtieli żgħażagħ u ġodda b'ġeġwiġija ta' ġewż magħluq, imbexxaq, u kemm kemm miftuħ; ward u ġewż li kien donnu kliem ta' ferħ u tneħid ta' mħabba ħiereġ minn qalb li trid min iweġibha u jifhimha.

L-art fejn dawn tat-tajfa xtaqu jrawmu l-ġnien tagħhom, kienet art tajba u għammiela, u dak ix-xitel u traqqid li kienu jġibu mill-ġnien tal-ġar tagħhom kont tarah jaqbad dik-is-siegħa jarmi, jiftaħ fil-weraq u jwarrad li xi drabi ma kontx tista' tgħid liema kienet l-isbaħ, il-warda ta' l-omm, jew il-warda tal-bint.

Issa ħabat illi fl-art fejn din it-tajfa rawmet il-ġnien, kien hemm minn żmien twil siġra minn dawk li donnhom jinbtu weħidhom u jagħmlu għeruq ħoxnin li jinżlu sa ġewwa l-blat. Dawn is-siġar in-nies tgħid li għandhom ruħhom ħoxna, mhux għaliex jagħmlu xi ħsara, imma għaliex ma tistax teqridhom kif ġieb u laħaq: tqaċċtilhom il-friegħi, taħsdilhom iz-zokk mill-qiegħ, taħseb li ma għandhomx jidhru iżjed, u tarahom, malli tiġi newbithom, irabbu mill-ġdid, jarmu, iħaddru u jiżagħdu b'sura ta' ward bħal dak tax-xgħari, li donnu daħka f'wiċċ dawk li ħasbu li sejrin jeqerduh.

In-nies tat-tajfa li xtaqu jrabbu ġnien bħal dak tal-ġar, dehrilhom li dik is-siġra tagħmel għajb lill-ġnien, għaliex siġra ħarxa, imħattba, salvaġġa, u l-ward tagħha ċkejken u ma għandux la l-lwien u anqas it-tifsila ħelwa tal-ward l-ieħor imnissel minn għand il-ġar: u għalhekk mhux talli qatt ma tawha qatra ilma u naqxulha l-ħamrija, iżda ta' sikwit kienu bir-rixa f'idejhom iqaċċtu u jkissru.

Ma' dan kollu ġie li xi wieħed minn tat-tajfa qata' xi warda minn din is-siġra u qegħdha fuq sidru fl-aċċetta tal-ġlekk; u xi ieħor kemm kemm ma tħajjarx, għalkemm bil-moħbi, irawwem xi xitla minnha fid-dar.

Hi-kif-inhi, xi wħud minn dawk li kienu qabblulhom l-art u li kienu jafu x'jati dak ir-raba' u liema kienet ir-ruħ u x-xejra ta' dik is-siġra, ħasbu li kien xieraq jindaħlu, u qalulhom, lil tat-tajfa, li ma jkunux għaqlin biż-żejjed jekk iwaħħlu f'rashom iridu jeqerdu siġra li ma tistax tinqered u jitilfu żmienhom jatu bir-rixa; u żiedu jgħidulhom li jkun aktar għaqli u xieraq illi jħallu lil dik is-siġra tarmi u twarrad, għax fl-aħħar ta' l-aħħar il-ward tagħha, jekk mhux sabiħ tal-għaġeb, anqas m'hu ikreh li jwaħħax, u, jekk ma għandux il-ħlewwa tal-vjoli, il-fwieħa tal-ġilji u l-lwien tal-warda tal-Madonna, għandu r-riħa rqiqa tas-sagħtar u tal-plejju. U targa', għal dawk li ma kinux jistgħu jaqtgħu ward minn tal-ġnien imsoqqi u maħdum, kien għall-inqas jingħata li jaqtgħu xi warda minn din is-siġra li lilhom ma kienet tiswielhom xejn.

Din it-twissija kienet tajba u xierqa, u lil dawk tat-tajfa, ngħiduh għal ġieħhom, ma weġġgħathom xejn: iżda għal dak il-ħin xejn ma wieġbu: biss niżżlu ftit rashom, serrħu ġbinhom fuq idhom ix-xellugija u baqgħu hekk jaħsbu.

L-oħrajn li kienu tkellmu b'qalbhom f'idejhom u ma kinux jixtiequ aħjar milli jaraw il-ġnejna titwettaq u tiftaħ fil-kotra tal-ġmiel u tas-saħħa iżda mingħajr ma tinqered is-siġra ewlenija li kienet rat mijjiet u mijjiet ta' xtiwi, lissnu b'nofs leħen, imma bi tbissima ta' tama: Jifhmuna!?